Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri – Għawdex)

Imħallef Anthony Ellul

Seduta tal-Hamis, 26 ta' Settembru, 2019.

Appell numru: 2/2010

**Paul Debattista (appellant)**

**Vs**

**Enemalta plc (appellata) u GTE Joint Venture**

1. L-attur appella minn sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-11 ta' April, 2019 li ċaħad it-talba tiegħu għad-danni fl-ammont ta' €1,148.12 li qal li sofra f'apparat u xorb tal-alkoħol fil-Clubhouse, Triq l-Imġarr, Qala, Għawdex b'riżultat ta' ħsarat f'cable tad-dawl fl-istess triq. It-Tribunal ikkonkluda li:

   i. Enemalta plc ma kellhiex responsabbilta' għaliex il-cable tad-dawl intlaqat mill-konvenuta l-oħra. Inoltre, ma kienx irriżulta jekk l-attur kienx ħa l-parir tal-uffiċjal tal-Enemalta sabiex jitfi l-main switch waqt li jkun qiegħed isir xogħol mill-Enemalta.
   ii. Fil-konfront tal-konvenuta l-oħra l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

2. Fit-2 ta' Mejju, 2019 l-attur appella minn dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal fejn caħdet it-talba fil-konfront tal-Enemalta plc. Għaldaqstant dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar fejn iddeċieda li l-azzjoni hi preskritta fil-konfront tal-konvenuta l-oħra, hi ġudikat.

3. L-attur isostni li l-Enemalta hi responsabbli għaliex:

*".... għandha ftehim mal-appellant biex tissupplixxi l-elettriku u kien kawża tas-surge fil-kurrent li ġrat meta ġie repristinat is-servizz li ġew ikkaġunati d-danni subiti mill-attur appellant".*

4. Il-konvenuta wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud. Saħansitra pproponiet appell inċidentali minn dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal li ċaħdet l-eċċezzjoni li mhijiex leġittimu kontradittur.

5. Il-każ jikkonċerna danni li l-attur igħid li saru fil-fond Clubhouse, Triq l-Imġarr, il-Qala, Għawdex fl-24 ta' Ottubru, 2014 meta nqata' s-servizz tad-dawl. Irriżulta li dakinhar kien qiegħed isir xogħol b'gaffa minn kuntrattur fuq inkarigu tal-Water Services Corporation permezz. Il-gaffa laqtet *overhead cable* u nqatta' s-servizz tad-dawl. L-oġġetti li l-attur isostni li ġarrbu ħsarat huma friġġ, friża u xorb alkoħoliku.

6. B'riferenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta[1], din il-qorti diġa' kellha opportunita' tiddeċiedi li appell minn sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar għandu jsir fi żmien għoxrin (20) jum mis-sentenza. Il-konvenuta ma qalet xejn ġdid li b'xi mod jista' jikkonvinċi lil din il-qorti sabiex tibdel il-fehma tagħha.

7. L-aggravju tal-attur hu li t-Tribunal ikkonkluda li l-ħsara saret wara li saret it-tiswija u l-konvenuta tat lura s-servizz tad-dawl. Għaldaqstant, peress li l-attur hu klijent ta' Enemalta plc, isostni li għandha obbligu li tagħmel tajjeb għad-danni li sofra.

8. Minn qari tas-sentenza tat-Tribunal hu ċar li kkonkluda li l-ħsara fil-proprjeta' tal-attur saret wara li Enemalta plc tat lura s-servizz tad-dawl lill-attur. Madankollu, wara li l-qorti qrat l-atti tikkonkludi li t-Tribunal għamel żball manifest fuq prova ta' fatt meta kkonkluda:

[1] Ara paragrafu 5.4 tat-tweġiba fejn l-appellata argumentat li l-appell hu null għaliex ma sarx fi żmien tmintax-il ġurnata mid-data tas-sentenza (regolament 14(1) ta' Leġislazzjoni Sussidjarja 380.01).

> *"It-Tribunal għandu biss dikjarazzjoni unilaterali u kategorika ta' Mario Pavia, foreman mal-Enemalta meta jgħid li hija ħaġa normali li jkun hemm surge, partikolarment fit-three phase meta l-elettriku jiġi repristinat"*.

9. Il-provi huma ċari. Il-ħsara fil-proprjeta' ma saritx meta l-Enemalta tat lura s-servizz tad-dawl iżda meta l-kuntrattur laqat l-*overhead cable* bil-gaffa. F'dan ir-rigward issir referenza għal dak li xehdu:

   i. **Mario Pavia** – uffiċjal tal-Enemalta plc li fis-seduta tal-21 ta' April, 2017 xehed: "Nghid li jiena dħalt ukoll fil-Clubhouse ta' Qala Saints u rajt li kien hemm xi apparat maħruq" (fol. 29). Kompla: *"Ngħid illi bit-tip ta' linji li nqatgħu, peress li nqatgħet il-linja tan-neutral, huwa normali li jinħarqu appliances partikolarment fi three (3) phase"*. Hu għalhekk ċar li Pavia ra l-ħsara fil-fond tal-attur, qabel Enemalta plc għamlet it-tiswija u kkonkluda li l-ħsara saret hekk kif il-kuntrattur laqat il-cable tad-dawl u nqata'. Skont Pavia inċident bħal dak iwassal biex issir ħsara f'*appliances* tal-privat. Prova oħra hi r-rapport li għamel Pavia fit-28 ta' April, 2015 fejn jingħad li meta nqata' l-cable tad-dawl mill-kuntrattur, *"**This broken neutral caused surged current** in the three phase electrical installation of 'Game Over Snack Bar' run by Mr Paul Debattista…"* (fol. 31).

   ii. L-attur qal, *"Nippreċiża li jiena indunajt bil-ħsarat fil-fridge, bil-ħsarat fil-makkinarju tiegħi fl-istess ġurnata u **fl-istess mument li jiena mort fuq il-post u rajt il-linji maqtugħin**"* (fol. 41). Hu ovvju li sa dak il-ħin l-Enemalta kienet għadha m'għamlitx tiswijiet. L-istess attur xehed ukoll fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2017 u qal li l-ħsara saret *"meta xi vetturi minn tas-soċjeta' Gatt laqtu cable tal-Enemalta u tar id-dawl"* (fol. 25). Fl-ebda waqt tal-proċediment l-attur qal li l-ħsara fil-fond saret wara li Enemalta għamlet it-tiswija u tatu lura s-servizz tad-dawl.

10. Għaldaqstant, ġialadarba:-

i. Minn dak li xehdu Mario Pavia (fol. 29) u l-attur (fol. 25). It-Tribunal żbalja meta qal li Pavia xehed *"... li hija ħaġa normali li jkun hemm surge, partikolarment fit-three phase meta l-elettriku jiġi ripristinat".*

ii. Il-kuntrattur li għamel il-ħsara fil-cable tad-dawl ma kienx inkarigat minn Enemalta plc;

iii. M'hemmx prova li l-ħsara saret wara li l-Enemalta plc għamlet it-tiswija meħtieġa u tat lura s-servizz tad-dawl;

Il-konvenuta m'għandha l-ebda tort għal dak li ġara. L-Enemalta ma kellha l-ebda obbligu li tiżgura li l-attur ikun ikkumpensat għad-danni li qal li sofra b'riżultat ta' negliġenza tal-kuntrattur inkarigat minn ħaddieħor.

11. Għalkemm l-attur irrefera għal dak li xehed Antoine Cefai, *electrician* inkarigat minnu, dak ix-xhud qatt ma qal jew ta' opinjoni teknika dwar meta probabbilment seħħ il-*power surge*. Għalhekk dak ix-xhud mhuwiex kruċjali għall-każ tal-attur.

12. Hu veru li Enemalta plc hi s-*service provider* u għandha relazzjoni kuntrattwali mal-klijenti tagħha. Madankollu f'dan il-każ il-ħsara fil-proprjeta' tal-attur saret minħabba n-negliġenza tal-kuntrattur li laqat il-cable. Kien dak li wassal għall-*power surge* bil-konsegwenza li kkaġuna ħsarat f'appliances tal-attur. Ħsara li ma saritx minħabba nadempjenza kuntrattwali tal-Enemalta.

13. In vista ta' dak li ngħad hawn fuq, issir superfluwa l-eċċezzjoni tal-konvenuta li l-appell, *"mhux skont id-diżpożittiv tal-Artikolu 8(2), Kap. 380, Liġijiet ta' Malta; stante li ma tinkorri ebda waħda mill-kriterji hemmhekk enunċjati"* (ara paragrafu 5.4 tat-tweġiba tal-appell).

14. Għal dak li jirrigwarda l-appell inċidentali tal-konvenuta, in vista ta' dak li ntqal hawn fuq sar superfluwu. F'kull każ il-pretensjoni tal-attur hi wkoll fil-konfront tagħha. Il-konvenuta hi s-*service provider* u hemm relazzjoni kuntrattwali bejn iż-żewġ partijiet. Il-fatt li fil-meritu l-attur ma ngħatax raġun, b'daqshekk ma

jfissirx li Enemalta plc ma kinitx leġittimu kontradittur. Kienet il-konvenuta stess li tat eċċezzjoni fil-meritu li taqra:

> *"2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu illi l-kuntrattur li jidher li kien qiegħed jagħmel ix-xogħlijiet li wasslu għad-danni allegati mill-attur kien qed jopera fuq l-inkarigu tal-esponenti u dan, minkejja dak allegat fl-ittra uffiċjali tal-attur. Stante li l-esponenti la għamlet u anqas ordnat li jsir xogħol fl-inħawi tal-istabbiliment tal-attur, ebda responsabbilta ma tista' tiġi rekata lill-esponenti"*.

**Għal dawn il-motivi:-**

1. **Tiċħad l-eċċezzjoni li l-appell hu null għaliex ma sarx fiż-żmien kontemplat mil-liġi.**
2. **Għalkemm ma taqbilx mal-konklużjoni tat-Tribunal li l-ħsara saret meta l-Enemalta tat lura s-servizz tad-dawl, għar-raġunijiet li ssemmew tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.**
3. **Tiċħad l-appell inċidentali bl-ispejjeż kontra Enemalta plc.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur